# Il-Ħbit fuq ir-Rotunda – 60 Sena wara

*Tifkira personali minn* **Frank CALLEJA**



**Il-gwerra** fl-1942 kienet fl-aqwa tagħha u l-attakki mill-ajru kienu spissi u ħorox fejn tilfu ħajjithom ħafna Maltin. Il-Mosta daqet ukoll mill-qilla ta' dawn l-attakki u niftakar ħafna Mostin u qraba li mietu kaġun ta' dawn l-attakki mill-ajru, speċjalment mill-bombi li waqgħu fi Triq il-Kungress Ewkaristiku, fejn konna noqogħdu. Il-ħajja f'dawk iż-żminijiet kienet xi ftit iebsa u ta' tbatija.

Jien dak iż-żmien kont immur is-Seminarju tal-Floriana u meta dan intlaqat mill-bombi u ġġarraf, aħna l-istudenti ġejna trasferiti temporanjament ġewwa post f'Birkirkara li ma tantx kien suċċess. Minn hemm jien mort il-Kulleġġ ta' San Alwiġi, Birkirkara, għax ikkonsidrat aktar *safe*. Dan il-kulleġġ, barra minn skola sekondarja kien iservi wkoll ta' sptar.

Il-ħajja tagħna t-tfal ta' dak iż-żmien kienet ta' sfruttament, b'nuqqas ta' ikel u trasport pubbliku, bla kotba, skejjel magħluqa u ma tantx kellna x'nagħmlu ħlief li niġġerrew u nilagħbu fit-toroq. Per eżempju, jien dak iż-żmien kelli 15-il sena u kont fl-aħjar tiegħi, il-biża' ma kontx naf x'inhu, u ftit li xejn kont ninżel fix-xelter li kellna, ħlief bil-lejl biex norqod hemm ħalli ma noqgħodx inqum meta kien ikollna xi attakk bil-lejl. Waqt xi attakk mill-ajru jien kont nitla' fuq il-bejt jew immur f'xi post fil-miftuħ ħalli nara l-fajters jiġġieldu jew il-baraxx tal-kanuni fuq l-ajruplani ta' l-għadu. Kif kont nilmaħ xi ajruplan jintlaqat u jaqa' kont inkun minn ta' l-ewwel fuqu u xi drabi kont nasal qabel ma jaslu fuq il-post il-pulizija jew is-suldati! Qatt ma għaddieli minn moħħi li dawn l-ajruplani setgħu jisplodu u jtajruni ma' l-ajru.

B'hekk kont bnejt ħażna ta' tifkiriet tal-gwerra li kelli nneħħi meta l-kuġini u ħabib tiegħi kienu mietu b'bomba li kienu qed jilgħabu magħha.



*Il-ħsara li saret fil-frontispizju u l-kampnar tar-Rotunda fl-istess attakk tad-9 ta' April, u li l-awtur ra mill-kampnar stess. (ritratt: Jos. A. Vella FRPS, EFIAP, ESFIAP)*

L-attakk mill-ajru fuq ir-Rotunda, għalkemm għaddew 60 sena, għadu stampat ġo moħħi u ma ninsieh qatt. Kienet il-ġurnata tal-Ħamis, 09 t'April wara nofs inhar u ġol-knisja kienet qed issir 'is-Siegħa ta' l-Adorazzjoni' tas-soltu tal-Ħamis. Dak il-ħin kien hemm ħafna nies miġbura n-naħa tal-pulptu jitolbu, fosthom missieri. Kif daqq l-*air raid*, jien u żewġt itfal oħra tlajna fil-kampnar tal-qanpiena l-kbira ħalli naraw l-*ispitfires* u l-*messershmits* li kienu jinħassu fl-ajru, jiġġieldu, għax minn hemm fuq wieħed għandu veduta u jista' jara aħjar. F'ħin minnhom smajna tisfira qawwija u xi ħaġa ħabtet mal-faċċata tal-kampnar fejn konna. Din ħasditna u nżilna niġru l-garigor tal-kampnar u dħalna l-knisja. Dak il-ħin instemgħu splużjonijiet qawwija ta' bombi li waqgħu viċin tal-knisja u ġara li dawk in-nies li kien hemm fin-nofs miġbura jitolbu, meta semgħu dawn l-isplużjonijiet, telqu jiġru għall-ġenb fil-kappelluni tal-knisja. Dak iż-żmien dawn il-kappelli kienu kkunsidrati *safe* mill-balal u għalhekk

il-linef il-kbar u l-monument tal-Ġimgħa l-Kbira, li huma opri mill-isbaħ, kienu tpoġġew hemm ħalli jiġu mħarsa minn xi tiġrif tal-gwerra.

Wara dawn l-isplużjonijiet waqgħet hemda kbira ġol-knisja u jien u xi nies oħra ħriġna fuq iz-zuntier ħalli naraw x'ġara fejn ilmaħna tlett ajruplani *Junkers* ta' l-għadu resqin għan-naħa tagħna interċettati minn baraxx qawwi mill-kanuni ta' l-art. Dawn l-ajruplani malajr dawru denbhom għan-naħa tat-tramuntana u telqu l-bombi li kellhom.

Kif rajna li telqu l-bombi u smajna t-tisfir tagħhom nieżel, kulmin kien fuq iz-zuntier daħal jiġri l-knisja għall-kenn. Sekondi wara nfetħet toqba fil-koppla u l-knisja mtliet bi sħaba waħda ta' trab u ma stajna naraw xejn. Kif dan it-trab qagħad, dehret bomba quddiem il-kuritur tan-naħa tad-Duluri u ħafna ġebel imxerred ma' l-art. Dak il-ħin kulħadd telaq jiġri 'l barra jgħajjat "*time bomb, time bomb*" għax inzerta li dawk il-ġranet kienu waqgħu ħafna bombi madwar il-Mosta ta' dan it-tip li kienu qed jisplodu mingħajr ebda *warning*.


*It-toqba fil-koppla tar-Rotunda kkawżata mill-bomba Ġermaniża fid-9 ta' April 1942.*
*(ritratt: Jos. A. Vella FRPS, EFIAP, ESFIAP)*

Meta l-*air raid* għadda u n-nies ħarġu mill-knisja, ġew is-suldati tal-*bomb disposal* u warrbu lil kulħadd minn madwar il-knisja, sakemm tneħħa l-periklu għax beżgħu li l-bomba tista' tisplodi. Meta il-bomba ġiet difjusa, dawn is-suldati ħarġuha minn ġol-knisja u ġerbuha minn taħt il-portiku għal isfel u peress li din il-bomba kienet tqila, kissret l-aħħar tlett tarġiet tal-qawwi n-naħa t'isfel tat-taraġ taz-zuntier li hemm fin-nofs u li għadhom jidru msewwija sal-ġurnata tal-lum. Wara għabbewha fuq trakk u telqu biha. Ma' din il-bomba kienu niżlu oħrajn li ġew fil-pedament tal-kannirja tal-knisja n-naħa tat-taraġ il-ġdid u li wkoll ma splodewx.

Irrid ngħid li dik il-bomba li ħabtet mal-kampnar kienet bomba żgħira differenti mill-oħrajn.

Din malli ħabtet mal-kampnar żgiċċat għal fuq ir-rużuni tal-frontispizju, kissret xi tnejn minnhom u waqgħet għal isfel fuq iz-zuntier mingħajr ma splodiet. Probabli li din il-bomba ġiet mitluqa minn xi *Fighter*.

Dak inhar Santa Marija għamlet miraklu kbir magħna li konna hemm għax ħadd minna ma weġġa'. Il-Madonna ħarset ukoll lil dan it-Tempju maestuż li hu ddedikat lil Marija Assunta milli jiġġarraf. Din il-bomba laqtet il-koppla fl-aktar parti kritika u li kieku splodiet kienet tagħmel rovina sħiħa.

Grazzi, Madonna, talli ħaristni u lil dawk kollha li kienu hemm minn dak il-periklu u salvajtilna dan it-Tempju hekk għażiż għalina l-Mostin.

*Din il-kitba nqrat mill-awtur stess fit-12 t'April 2002 waqt serata kommemorattiva mtella' mill-Kunsill Lokali fl-okkażjoni tas-60 anniversarju tal-ħbit mill-ajru li sar fuq ir-Rotunda fl-1942.*



# Mario Aquilina

For all your needs in Aluminium Works

Doors - Windows - Stairs - Balconies - Roofs etc...

3/22 New Street, in Fort Road, Mosta
Tel: 21 423117 Tel/Fax: 21 434736 Mobile: 9942 8132